MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Numru 465/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSPEH ABDILLA**

**KONTRA**

**DARREN DEBONO ta’ 34 sena, bin Paul u Maria Concetta (KA Cettina) nee’ Farrugia, imwieled San Giljan nhar id-9 ta’ Jannar, 1974, residenti fil-fond numru 3, St Joseph House, Triq Sant’Antnin, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 49474M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Darren Debono li gie akkuzat talli f’Marzu 2006 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, f’ismu proprju, kif ukoll fil-kapacita’

tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' World Water Fisheries Limited:

1. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksusr tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' invoices kummercjali, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falzan, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 167, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju, ghalih jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija

falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, Darren Debono f’ismu proprju, kif ukoll fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ World Water Fisheries Limited, akkuzat ukoll:
Talli f’diversi okkazjonijiet fix-xhur ta’ Frar u Marzu ta’ l-2006, wahdu u/jew bil-komplicita’ u/jew bil-koperazzjoni ta’ xi persuna jew persuni ohra, sabiex jikseb xi vantagg u/jew beneficcju ghalih innifsu u/jew ghal haddiehor, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju jew taxxa li kien imisshom jithallsu, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta document jew informazzjoni f’taghrif lill-awtoritajiet tad-Dwana, li b’xi mod kienu foloz f’dettall sostanzjali, fis-sens li l-valur dikjarat kien inqas minn dak reali u dan abbazi ta’ dikjarazzjonijiet f’dokumenti u fatturi prezentati minnu ghar-rilaxx ta’ diversi konsenji ta’ hut, fejn wara investigazzjoni u stharrig, irrizulta li liema dikjarazzjonijiet ma kienux korretti u li kien ukoll sar falsifkazzjoni tal-fatturi reali, kif spjegat hawn taht:

a. Talli meta fl- ta’ Frar, 2006 u/jew f’xi data wara, xjentement issottometta informazzjoni f’taghrif, fid-dokument tad-Dwana SAD Reference no 2006600331587 flimkien ma’ fattura relattiva numru 3741 datata 31 ta’ Jannar, 2006, biex sussegwentement tkun tista’ tigi rilaxxata konsenja ta’ 25 kaxxa Fresh Chilled Yellow Fin Tuna Loins, liema dokumenti juru valuri anqas min dak originali. B’dawn id-dokumenti hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta’ Lm532.00, dazju imhallas kien ta’ Lm96.00, meta fil-fatt il-valur u d-dazju reali kellhom ikunu Lm1,385.00 u Lm249.00 rispettivament. B’hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta’ Malta, huwa xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam billi bil-qerq jinharab id-dazju li jammonta ghal Lm153.00. il-merkanzija in kwistjoni kienet giet importata f’Malta fl-1 ta’ Frar, 2006 mill-Oman mat-titjira EK 107 b’AWB numru 17633522893 u giet rilaxxata bid-dokumenti tad-Dwana TDID (declaration) no 2006600331587 fit-2 ta’ Frar, 2006;

b. Talli meta ukoll fit-8 ta' Frar, 2006 u/jew f'xi data wara, issottomettiet informazzjoni f'taghrif, fid-dokumenti tad-Dwana SAD Reference no 200660335658 flimkien ma' fattura relattiva bin-numru 3747 datata 7 ta' Frar, 2006, biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' 40 kaxxa Fresh Yellow Fin Tuna Loins, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm1,558.00, dazju mhallas kien ta' Lm280.00, meta fil-fatt il-valur u d-dazju reali kellhom ikunu ta' LM2,335.00 u Lm420.00 rispettivament. B'hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, hu xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab id-dazju li jammonta ghall-Lm140.00. Il-merkanzija in kwistjoni kienet giet importata f'Malta fis-7 ta' Frar, 2006 mill-Oman mat-titjira EK 107 b'AWB numru 17633522974 u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (declaratioin) no 2006600335658 fid-9 ta' Frar, 2006;

c. Talli meta ukoll fis-17 ta' Frar, 2006 u/jew f'xi data wara, issottometta informazzjoni f'taghrif, fid-dokument tad-Dwana SAD Reference 2006600341122 flimkien ma' fattura relattiva bin-numru 3758 datata 16 ta' Frar, 2006 biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' 40 kaxxa Fresh Yellow Fin Tuna Loins, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm1,136.00, dazju imhallas kien ta' Lm131.00, meta fil-fatt il-valur u d-dazju reali kellhom ikunu Lm2,329.00 u Lm268.00 rispettivament. B'hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta hu xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jinharab id-dazju li jammonta ghal Lm137.00. Il-merkanzija in kwistjoni kienet giet importata f'Malta nhar is-17 ta' Frar, 2008 mill-Oman mat-titjira EK 107 b'AWB numru 17633527502 u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (declaration) no 2006600341122 nhar it-22 ta' Frar, 2006;

d. Talli meta ukoll fl-24 ta' Frar, 2006 u/jew b'xi data wara, issottometta informazzjoni f'taghrif, fid-

dokument tad-Dwana SAD Reference no 2006600345555 flimkien ma' fattura relattiva bin-numru 3767 datata 23 ta' Frar, 2006, biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' 25 kaxxa Yellow Fin Tuna Loins, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza b'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm710.00, dazju imhallas kien ta' Lm103.00, meta fil-fatt il-valur u d-dazju reali kellhom ikunu Lm1,456.00 u Lm210.00 rispettivament. B'hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, hu xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jinharab id-dazju li jammonta ghal Lm108.00, il-merkanzija in kwistjoni kienet giet importata f'Malta nhar l-24 ta' Frar, 2006 mill-Oman mat-titjira EK 107 b'AWB numru 17633517944 u giet rilaxxata bid-dokumenti tad-Dwana TDID (declaration) no 2006600345555 fl-24 ta' Frar, 2006;

e. Talli meta ukoll fit-3 ta' Marzu, 2006 u/jew f'xi data wara, issottometta informazzjoni f'taghrif, fid-dokument tad-Dwana SAD reference no 2006600349800 flimkien ma' fattura relattiva bin-numru 3770 datata 2 ta' Marzu, 2006, biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' 45 kaxxa Fresh Yellow Fin Tuna Loins, liema dokumenti juru valuri inqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm1,292.00, dazju imhallas kien ta' Lm233.00, meta fil-fatt il-valur u d-dazju reali kellhom ikunu ta' Lm2,682.00 u Lm483.00 rispettivament. B'hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, hu xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab id-dazju li jammonta ghal Lm250.00. Il-merkanzija in kwistjoni kienet giet importata f'Malta nhar it-3 ta' Frar, 2006 mill-Oman mat-titjira EK 107 b'AWB numru 17633528003, u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (declaration) no 2006600349800 fit-3 ta' Marzu, 2006.

Id-dazju totali evadut fuq dawn il-konsenji tal-hut li kienu gew importati minn Darren Debono f'isem is-socjeta' World Water Fisheries Limited, jammonta ghall-Lm788.00, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) ta' l-

Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u l-Artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazji ta' Importazzjoni Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Prosekuzzjoni in kwantu sar ftehim amministrattiv bejn id-Dwana u l-akkuzat, irtirat l-akkuzi a, b, c, d, u e relatati mal-Kapitolu 37 (vide fol 14);

Rat in vista anki ta' tali kambjament fl-akkuza li l-akkuzat irregistra ammissjoni ghall-kumplament ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Semghet ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana dwar il-hlas li effettwa l-akkuzat ma' l-istess dipartiment;

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet limitatament dwar il-piena in vista ta' l-ammissjoni.

Issib ghalhekk lil Darren Debono hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184 (167, 169 alternattivi ghat-tieni akkuza), 188, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Tqis li piena karcerarja ghandha tkun piena karcerarja sospiza ta' tmintax(18)-il xahar ghal tlitt(3) snin u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-Artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal multa ta' €233.00, ekwivalenti ghal mitt lira maltin (Lm100.00).

Il-Qorti fehmet lil Darren Debono s-sinjifikat ta' sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------